ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 05 IT-TNEJN 2 TA' LULJU 2012**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn 02 ta' Lulju 2012 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Jason Busuttil, Carmel Farrugia, Jerome Caruana Cilia, Margaret Mercieca, Antoine Saliba u Sean Meli.
.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**05/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 04**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 04 li nżammet nhar it-Tnejn 4 ta' Ġunju 2012, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur il-Ħdax Kunsilliera (11) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 04 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**05/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**05/02/01** **Is-Sindku** infurmat lill-Kunsill li l-Kumitat tal-Finanzi kif ukoll il-Bord tal-Għażla tal-Korsijiet tal-Kompjuter u dak tal-Ġbir ta' Skart Goff ser jiltaqgħu fil-ġranet li ġejjin, iżda qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Id-dati preċiżi għandhom jiġu kkomunikati lill-kunsilliera rispettivi aktar 'l quddiem.

**05/02/02** **Is-Sindku** għamlet riferenza għal xi materjal li rċevew ir-residenti ta' Triq il-Milied minn xi kunsillier dwar il-fatt li din it-triq ser issir fis-sena 2013. Is-Sindku irrimarkat li materjal simili għandhu joħroġ mill-Kunsill b'mod uffiċjali filwaqt li l-Kumitat tal-Finanzi u dak tal-Proġetti għad iridu jiltaqgħu sabiex jaraw liema proġetti ser isiru fit-tlett snin li ġejjin, inkluż dak ta' Triq il-Milied.

**05/02/03** **Is-Sindku** għamlet riferenza għal talba biex il-kamra ta' Ġnien l-Armier tintuża minn assoċjazzjoni tal-iscouts. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** semma li fil-passat Qormi Scouts Group kienu diġa ressqu talba għaliha din il-kamra. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ftehim sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu minnha li iżda l-għaqdiet l-oħrajn li jużaw il-gnien f'attivitajiet li jsiru matul is-sena għandu jibqa' jkollhom aċċess għal din il-kamra.

## 05/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' ĠUNJU 2012

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2012, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-4'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ġunju 2012
**b)** *Bank Payments* Ġunju 2012
**c)** *Petty Cash* Ġunju 2012

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur il-Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

## 05/04 MOZZJONIJIET

### 05/04/01 MOZZJONI 24/2012(VI)

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Sean Meli** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru24/2012 (VI).

**Il- Kunsillier Sean Meli** ressaq il-mozzjoni :-

"Fl-okkażjoni li s-sena d-dieħla, Jum Ħal Qormi se jkun qed jaħbat il-270 sena minn meta Ħal Qormi ġie mogħti t-titlu ta' Belt Pinto, qed nipproponi li jiġu organizzati attivitajiet li jirriflettu dan l-anniversarju (kulturali u soċjali) ta' Gieħ lil Beltna. Jew dak li diġa qed jiġu organizzati jirriflettu dan l-anniversarju hekk sinjur fl-istorja ta' Ħal Qormi"

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur il-Ħdax 11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 24/2012 (VI).**

**05/04/02 MOZZJONI NRU 25/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru24/2012 (VI).

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-mozzjoni :-

"Nipproponi illi ssir il-manutenzjoni meħtieġa u żebgħa tal-faċċata u l-aperturi tal-Kunsill, dan biex il-post tal-Kunsill dejjem jibqa' jinżamm fi stat tajjeb. Nipproponi wkoll li ssir manutenzjoni urġenti tal-arblu tal-Kunsill minħabba li dan jista' jkun ta periklu jekk ma ssirlux manutenzjoni urġenti"

**Il-Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur il-Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 24/2012 (VI) u ghaldaqstant il-Kunsill għandu jitlob kwotazzjonijiet biex isir dan ix-xogħol.**

**05/04/03 MOZZJONI NRU 26/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru 26/2012 (VI).

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ressaq il-mozzjoni :-

"Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi hu kommess li jagħti aktar attenzjoni għall-ħtiġijiet soċjali fil-komunità. Dan ifisser li l-qasam tal-infrastruttura jrid jibda jidħol f'dimensjoni oħra, fejn dak kollu li sar tajjeb s'issa, jibqa' jsir, iżda b'differenza.

Dan ifisser li l-ħidma infrastrutturali ma tistax tibqa' ssir bħala għan fiha nnifisha, iżda biex naċċertaw li fil-komunità qed ngħinu biex permezz tal-ħidma nfrastrutturali qed noħolqu komunità aktar inklussiva.

Wara l-appell ta' John L. Bonnici fir-rivista tal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri tal-festa ta' Ġunju 2012, kif wieħed jista' jsib anness ma' din il-mozzjoni, fejn hu qal li "tkun ħaġa xierqa li l-Kunsill Lokali jagħmel minn kollox sabiex dan il-monument jerġa' jiġi fl-istat oriġinali tiegħu. Dan jista' jsir billi l-Kunsill jinsisti mal-artist, jiġifieri l-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi, biex ix-xogħlijiet meħtieġa jkunu lesti sa qabel Settembru tas-sena d-dieħla."

Hu kompla jgħid li "tkun ta' min ifaħħarha li minn din is-sena, l-Kunsill Lokali jħajjar lis-Soċjetajiet Ċivili Qriema biex kull waħda minnhom tqiegħed bukkett jew kuruna tal-fjuri f'riġlejn dan il-monument nhar l-1 ta' Settembru."

Għaldaqstant nipproponi li:

1. Il-Kunsill Lokali jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa fuq l-istatwa li hemm fir-*roundabout* f'Misraħ il-Kittieba, wara li din ġiet vandalizzata, u li tkun lesta għall-anniversarju ta' Ġuże` Muscat Azzopardi, li f'2013 jagħlaq mija u sittin sena minn twelidu.
2. Barraminhekk, jsebbaħ ir-roundabout billi jżid l-ammont ta' fjuri u siġar żgħar fejn hemm bżonn.
3. Issir lejla ta' Tifkira fl-għeluq tal-mija u sittin sena mit-twelid ta' Ġuże` Muscat Azzopardi fl-1 ta' Settembru 2013."

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur il-Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 26/2012 (VI).**

**05/04/04 MOZZJONI NRU 27/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Viċi-Sindku Jesmond Aquilina**

sabiex iressaq il-mozzjoni Nru 27/2012 (VI).

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-mozzjoni :-

“Fl-okkażjoni tal-160 anniversarju mill-mewt tal-kittieb Qormi Ġużè Muscat Azzopardi nipproponi li ssir kompetizzjoni ta’ essejs regolamenti annessi apparti l-premjijiet li għandna niddeċiedu flimkien mal-Għaqda Kittieba Qriema GMA u wara ssir serata letterarja fejn fiha jinqraw dawn ix-xogħlijiet u jkun hemm possibilta’ li jiġu wkoll ippublikati.”

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax 11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 27/2012 (VI).**

## 05/04/05 MOZZJONI NRU 28/2012(VI)

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru 28/2012 (VI).

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-mozzjoni :-

“Nipproponi li l-Kunsill jagħmel pressjoni u jindaga rigward skema li applikajna għalija għar-restawr ta’ postijiet storiċi żgħar fejn applikajna għar-restawr tal-Istatwa ta' San Ġużepp u s-Salib ħdejn il-Vitorja.

Fil-każ li din l-iskema mhux se tiġi attwata nipproponi li mmedjatament toħroġ sejħa sabiex jibda dan ix-xogħol minħabba li din l-Istatwa tal-ġebel kull ma jmur qed tkompli jsirilha aktar ħsara u bħalissa qegħda fi stat ta’ abbandun totali.”

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur il-Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 28/2012 (VI).**

**05/04/06 MOZZJONI NRU 29/2012 (VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Antoine Saliba** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru 29/2012 (VI).

**Il-Kunsillier Antoine Saliba** ressaq il-mozzjoni :-

"Peress li l-ftehim ta' ko-operazzjoni bejn il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi u l-Għaqdiet Sportivi b'nursery intemm din is-sena, nipproponi li terġa toħroġ sejħa għal offerti għan-nurseries u li joperaw f'Ħal Qormi għal attivitajiet mal-Kunsill Lokali Qormi sabiex b'hekk nkomplu ninvestu fl-għaqdiet sportivi u fiż-żgħażagħ tagħna."

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur il-Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 29/2012 (VI).**

**05/04/07 MOZZJONI NRU 30/2012 (VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Robert Cremona** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru 30/2012 (VI).

**Il-Kunsillier Robert Cremona** ressaq il-mozzjoni :-

"Minħabba li l-Kunsill Lokali għandu jkun xprun biex jissaħħu t-tradizzjonijiet fil-Belt tagħna, u peress li hemm bosta għaqdiet u individwi li jridu jipparteċipaw bi sħiħ sabiex dan l-aspett folkloristiku jissaħħaħ;

U minhabba l-fatt li l-aspett kulturali għandu jkun ukoll katalist għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-komunita' tagħna;

Qed nipproponi li jitwaqqaf *study group* temporanju li t-tema prinċipali tiegħu tkun 'Il-Ġimgħa Mqaddsa f'Ħal Qormi'. Dan sabiex l-Kunsill ikun jista' janalizza metodi u inizjattivi ġodda mhux biss biex jissaħħu l-attivitajiet li jsiru fil-jiem tal-Għid u l-Ġimgħa l-Kbira, imma biex nesploraw il-possibilta' ta' inizjattivi ġodda fil-lokal, filwaqt li naraw kif jista' jgħin il-Kunsill f'dan ir-rigward.

Qed nipproponi li dan l-i*study group* ikun immexxi minn Dr. Joseph F. Grima, u ko-ordinat minni bħala kunsillier, liema kordinament ikun biss mill-aspett loġistiku.

Il-ħidma tal-grupp għandha tkun iffukata fuq laqgħat individwali mal-għaqdiet kollha tal-lokal, u mal-persuni/entitajiet konċernati mas-suġġett tal-istess grupp.

Qed nipproponi li l-ħidma tal-grupp tkun iffukata fuq ħames xhur, biex sa Diċembru 2012 dan il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti l-konklużjonijiet li jiġu preżentati f'rapport imħejji apposta mill-istess Dr. Grima. Dan ir-rapport dwar il-futur tal-festi tal-Gimgħa Mqaddsa f'Ħal Qormi u kif dawn jistgħu jissaħħu fil-parroċċi tagħna għandu jkun bażi soda biex naħdmu fuqu għas-snin li ġejjin. Kull proposta tar-rapport għandha tiġi diskussa minn dan l-istess Kunsill."

Il-Kunsillier Robert Cremona ressaq emenda biex flok il-paragrafu "*Qed nipproponi li dan l-istudy group ikun immexxi minn Dr. Joseph F. Grima, u ko-ordinat minni bħala kunsillier, liema kordinament ikun biss mill-aspett loġistiku"* tigi taqra "*Qed nipproponi li dan l-istudy group jkun iffurmat mill-Kumitat tal-Kultura sabiex jikkordina din l-materja*"

**Il-Kunsillier Ralp Puli** ssekonda din il-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur il-Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 30/2012 (VI).**

**05/04/08 MOZZJONI NRU 31/2012 (VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Bjorn Azzopardi** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru 31/2012 (VI).

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ressaq il-mozzjoni :-

"Wara s-sejħa li ħarġet nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju 2012 għal residenti li joqgħodu fil-widien u l-periferiji li huma interessati jkunu parti minn Kummissjoni għall-periferiji u widien fi ħdan il-Kunsill Lokali Qormi, sad-data tal-għeluq il-Kunsill Lokali rċieva 25 applikazzjoni.

Fid-dawl li n-numru t'applikazzjonijiet huwa wieħed ikbar minn dak previst, nipproponi li l-Kunsill Lokali japprova l-ħatra ta' kummissjonijiet differenti għal żoni differenti bl-applikanti kif ġej:

**Żona A – Wied il-Kbir, Fuq tal-Blat 1, Tal-Blat 2.**

Paul Farrugia

| |
|---|
| Alan Desira |
| Tyron Falzon |
| Johann Borg |
| Carmel Grech |
| Adrian Cuschieri |
| Lynn Faure |
| Anthony Stafrace |
| Joseph Saliba |
| Juan Paul Mangion |
| Joan Zerafa |
| George Micallef |

**Żona B – Tal-Bajjada**

| |
|---|
| Randolph Peresso |
| Thomas Grima |
| George Zammit |
| Veronica Spiteri |
| Joe Zammit |
| Joseph Vella |
| Charlie Cilia |
| Charlie Debono |
| Vincent Bonnici |

**Żona Ċ – Tal-Ħandaq 1 (Shopwise Area),**

**Tal-Ħandaq 2 (Faċċata tal-KIA) u Wied ic-Ċawsli**

| |
|---|
| Kathleen Grima |
| Carmelo Zammit |
| Charlot Spiteri Magri |

**05/05 RAPPORTI**

**05/05/01 DOKUMENT TAL-OFFERTA: – Zamma ta' Gonna u Soft Areas**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-abbozz tad-dokument tal-offerta *Supply and Installation of Playing Field Equipment* li kien iċċirkulat u li ittieħed bħala moqri. **DOK 'B'**

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ippropona li fid-dokument ikun

hemm inkluż it-tindif tal-bankijiet fil-ġonna. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Il-Kunsill approva *nem.con* id-dokument tal-offerta biex is-sejħa tista' tiġi ppublikata fil-jiem li ġejjin**

**05/05/02 DOKUMENT TAL-OFFERTA – SUPPLY AND INSTALLATION OF PLAYING FIELD EQUIPMENT**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-abbozz tad-dokument tal-offerta *Services of a Qualified Accountant* li kien iċċirkulat u li ittieħed bħala moqri. **DOK 'C'**

**Il-Kunsill approva *nem.con* id-dokument tal-offerta biex is-sejħa tista' tiġi ppublikata fil-jiem li ġejjin.**

**05/05/03 DOKUMENT TAL-OFFERTA – MAINTENANANCE OF PAVEMENTS AND FOOTWAYS**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-abbozz tad-dokument tal-offerta *Maintenance and Reconstruction of Pavements and Footways* li kien iċċirkulat u li ittieħed bħala moqri. **DOK 'D'**

**Il-Kunsill approva *nem.con* id-dokument tal-offerta biex is-sejħa tista' tiġi ppublikata fil-jiem li ġejjin.**

**05/05/04**

**RAPPORT FINANZJARJU ANNWALI tal-31 ta' Marzu 2012**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-Rapport Finanzjarju għall-perjodu Jannar-Marzu 2012, peress li l-Kunsill ġie mitlub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex isir l-Mid-Term Audit minħabba bidla fis-Segretarju Eżekuttiv, liema rapport kien iċċirkulat u meħud bħala moqri. **DOK 'E'**

**Is-Sindku** talbet lill-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sur Christian Vella sabiex jispjega b'mod dettaljat dan id-dokument, li qed jitessaq sabiex jiġi approvat u jitressaq għall-awditjar.

**Is-Sur Christian Vella** fisser fid-dettal il-pożizzjoni tar-rapport fejn gibed l-attenzjoni li l-Kunsill kellu daqqa ta' ħarta fl-LES, li diġa bdiet tinħass, u għalhekk il-Kunsill jeħtieġ li 'l quddiem iħares aktar lejn sorsi oħrajn ta' dhul, fosthom fondi tal-E.U. permezz ta' proġetti li l-Kunsill jista' jisfrutta aktar. L-*Accountant* ippropona wkoll li l-Kunsill jieħu azzjoni billi jqabbad servizz ta' *debt collection* biex ċitazzjonijiet li ilhom pendenti u li kien inħarġu meta d-delega kienet għadha għand il-Kunsill, ħalli jdaħħal xi wħud minn dawn iċ-ċitazzjonijiet. Il-Kunsill qabel

li għandu jagħmel evalwazzjoni ta' dawn iċ-ċitazzjonijiet u fejn hemm ammonti kbar fuq l-istess persuna, għandha tittieħed azzjoni legali.

**Is-Sur Vella** rrimarka li fil-*bottom line* tal-*Financial Statements* hemm telf ta' €104,479. Kompla jenfażizza li dan mhux *Deficit*, iżda huwa *Accounting Loss*, li jinkludu aġġustamenti, bħalma huwa l-element ta' deprezzament tal-assi tal-Kunsill (€90,654) u l-element qawwi fuq il-pożizzjoni taċ-ċitazzjonijiet (provision for bad debts) (€45,776)

**Is-Sur Vella** qajjem punt partikulari dwar il-kwistjoni tal-*Wasteserv* u l-allokazzjoni ta' kull sena li l-Kunsill jirċievi mill-Gvern Ċentrali sabiex jitħallsu t-*tipping fees*. Mis-Sena 2010 il-Wasteserv bdew joħorġu *invoices* li jaqbżu l-ammont allokat mill-Kunsill u l-Kunsill fuq struzzjonijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll fuq direttiva tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, sabiex isir biss ħlas skont l-ammont li qed ikun allokat mill-Gvern Ċentrali. Dan ifisser li mill-2010 'l quddiem fil-kotba tal-Kunsill iddaħħlu u tħallsu biss l-ammonti li l-Kunsill irċieva bħala allokazzjoni. Iżda sal-lum il-Kumpanija *Wasteserv* baqgħet turi li għandha tirċievi d-differenza mill-Kunsill Qormi, differenza li llum laħqet l-ammont ta' €64,845.

**Is-Sindku** rringrazzjat lill-*Accountant* għall-ispjega li ta lill-Kunsill. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ppropona li l-Kunsill japprova dan ir-rapport.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur il-Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill** unanimament approva il-Mozzjoni u dan id-dokument issa għandu jintbagħat lill-Awditur Ġenerali sabiex jinbeda l-awditjar.

**05/06 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'F 1-8'**

1. Talbiet għall-Bollards –
   31, Triq San Bartilmew
   146, Triq San Bartilmew
   60, Triq San Pietru

   Il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu biex dawn it-talbiet jiġu approvati peress li huma konformi mal-*policy* tal-Kunsill, iżda li jridu jitressqu lil Transport Malta għall-approvazzjoni.

2. Proposta dwar proġett sabiex iz-zona ta’ bejn Triq Ħal Qormi u l-Park and Ride, tiġi żvilupata bħala Dar tal-Anzjani, parkeġġ u faċilitajiet rikreattivi u sportivi. Qabel il-laqgħa tal-Kunsill saret preżentazzjoni mill-Perit tal-iżviluppatur fejn qed jitlob li l-Kunsill jappoġja dan il-proġett. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jintalab il-parir tal-Perit tal-Kunsill qabel jieħu deċiżjoni.

3. Ir-Reġjun informa lill-Kunsill li mhuwiex kompetenza tiegħu li jagħmel CCTV għal skopijiet ta’ sorveljanza. Il-Kunsill iddeċieda nem.con li joħroġ sejħa għall-offerta biex isir proġett pilota fil-Ġnien Federico Maempel.

4. Ir-Reġjun informa lill-Kunsill li huwa lest li jagħti Eco Wardens b’siegħat limitati ħafna u għaldaqstant il-Kunsill għandu jipproponi ħinijiet u postijiet fejn għandu jingħata dan is-servizz.

5. Korrispondenza minn residenta li toqghod fi Triq l-Isqof Scicluna fejn ipprotestat dwar il-*Motorcycle Bay* li saret quddiem ir-residenza tagħha minħabba li din ser tostakola li vetturi kbar joħorġu mill-garaxx ta’ faċċata. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jirrispondi li l-Kunsill mexa mal-proċedura u mar-regolamenti tat-Transport Malta wara li kien hemm talba dwar din il-*Motorcycle Bay* u approvata mit-Transport Malta.

6. Korrispondenza minn Green MT sabiex il-Bring-in Site li hemm f’Tal-Ħandaq titneħħa u titpoġġa f’post alternattiv minħabba li qed ikunu diversi abbużi. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta u għandu jevalwa postijiet alternattivi lejn in-naħa ta’ bejn Ganza u s-Shopwise. Intant il-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mal-MIP dwar iz-zona tal-Ħandaq peress li hemm telqa ġenerali f’din iz-zona, u jekk ikun hemm bżonn tissejjaħ anke Konferenza Stampa dwar l-istess telqa u abbandun.

**04/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar il-Erbgħa 1 ta' Awwissu 2012 fis-6:00 ta’ fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:50 ta’ fil-għaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta’ ....................... 2012.
(Jum) (Data) (Xahar)